# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

JANNAR 2023 – Ħarġa Nru: 206




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'INHU L-ESSENZJALI?!

Fi tmiem ta' sena u fil-bidu ta' oħra, mingħajr ma rridu, nagħtu ħarsa lura u nġibu quddiem għajnejna dawk il-ġrajjiet li jkunu mmarkawlna ħajjitna aktar minn oħrajn.

Hemm min is-sena li għaddiet iżżewweġ, iggradwa, sab xogħol ġdid, beda relazzjoni ġdida, mar joqgħod f'dar ġdida… Hemm imbagħad, min tilef ix-xogħol, temm relazzjoni, issepara, ħa aħbar ta' marda terminali, tilef lil xi ħadd għażiż għalih, għadda minn xi trawma, daħal fi kriżi, ġarrab xi abbuż…

**Nimmaturaw**

Il-ħajja taf toffrilna ħafna minn dawn il-ġrajjiet. Dawn jistgħu jew jimlewna bil-ferħ, inkella jgħoddsuna 'l isfel u nħossuhom jaqtgħulna nifisna!

L-aktar ħaġa importanti iżda hi, kif aħna nintegrawhom f'ħajjitna:



- Meta jiena nidħol f'relazzjoni jew niżżewweġ, qed insib ħin biżżejjed biex din tikber u tiffjorixxi?
- Meta niggradwa jew insib xogħol ġdid, naf x'inhi l-etika tax-xogħol: il-ħidma flimkien ma' sħabi, il-lejaltà lejhom, it-twettiq tad-dover tiegħi, il-ħtieġa li nkompli naġġorna ruħi fil-ħidma tiegħi?
- Meta nasal biex intemm relazzjoni, naħseb ftit dwar il-ħajja passata tiegħi: jekk wettaqtx id-doveri tiegħi sewwa, jekk hemmx x'nirranġa fil-karattru tiegħi, sabiex jekk nidħol f'oħra ma nirrepetix l-istess żbalji?
- Meta niġi ffaċċjat mill-mard, kapaċi nifhem kemm il-ħajja hi prezzjuża u allura, kemm għandi nibża' għaliha? Nagħmel eżami ta' kemm qed niddedika ħin għax-xogħol u kemm għall-mistrieħ? Napprezza kemm nies ikunu qed jieħdu ħsiebi waqt il-mard u li forsi jiena is-soltu neħodhom "for granted"?

Naħseb li dan hu l-mod kif għandna nħarsu lejn il-ġrajjiet li ngħaddu minnhom biex nidraw immorru dejjem għal dak li hu "esenzjal" fil-ħajja.

Fil-messaġġ tiegħu għal *Jum il-Paċi 2023,* Papa Franġisku, fost oħrajn jgħid li "aktar ma nikbru, aktar nindunaw li mhux il-flus jew il-ġid materjali huma l-aktar importanti fil-ħajja, iżda r-relazzjonijiet u l-persuni".

**Awgurju**

Dan hu li jiena nawguralkom fil-bidu ta' sena ġdida: li nintegraw (nirriflettu u nimmaturaw permezz tagħhom), il-ġrajjet sbieħ u anqas sbieħ li ngħaddu minnhom. Meta nagħmlu hekk, inkunu qed imorru għal dak li hu essenzjali fil-ħajja: li nsaħħu r-relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarna.

Is-sena t-tajba lilkom ilkoll!

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … JANNAR 2023

**Ħadd 1:** **Solennità ta' Marija Omm Alla.** *Jum il-Paci.*
**Tnejn 2:** San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nażjanżenu, isqfijiet u dutturi tal-Knisja – Tifkira O
**Ġimgħa 6:** *L-ewwel Ġimgha tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.00pm ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Sibt 7:** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 8:** **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.** Jitħabbru l-festi ewlenin tas-sena. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni Solenni, Repożizzjoni tal-Bambin Ġesù u barka Sagramentali.
**Tnejn 9:** Il-Magħmudija tal-Mulej – Festa. F'dan il-jum se nfakkru l-anniversarju tal-parroċċa. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr. L-operaturi pastorali jġeddu l-impenn tagħhom fil-parroċċa.
**Tlieta 10:** **L-407 sena mit-twaqqif tal-parroċċa fl-1616.**
**Ħadd 15:** **It-Tieni Ħadd tas-sena**
**Erbgħa 18:** *Jibda l-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara*, sal-25 ta' dan.
**Sibt 21:** Sant'Anjese, verġni u martri – Tifkira O
**Ħadd 22:** **It-Tielet Ħadd tas-sena**
**Tlieta 24:** San Franġisk ta' Sales, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Erbgħa 25:** Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl – Festa
**Ħamis 26:** San Titu u San Timotju, isqfijiet – Tifkira O
**Sibt 28:** San Tumas ta' Aquino – presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħadd 29:** **Ir-Raba' Ħadd tas-sena**
**Tlieta 31:** San Ġwann Bosco, presbiteru – Tifkira O

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Diċembru**

Nitolbu GĦALL-EDUKATURI sabiex ikunu xhieda kredibli (li jitwemmnu), li jgħallmu l-fraternità aktar milli l-kompetizzjoni u li jgħinu fuq kollox lil min hu żgħir u vulnerabbli.





**FRAK TAD-DEHEB…**

*Silta minn ittra **li l-Papa Benedettu XVI** bagħat lill-Arċidjoċesi ta' Munich, il-Ġermanja, fejn kien Arċisqof (1977-1982), 8 ta' Frar 2022*

"Minn hawn u ftit taż-żmien ieħor, jien se nsib ruħi quddiem l-aħħar imħallef ta' ħajti. Jien u nħares lura lejn il-ħajja twila tiegħi, għandi għax nibża' u nirtgħod. Madankollu, jien ninsab ferħan għax nemmen bis-sħiħ li t-twajjeb Mulej mhux biss hu mħallef ġust, imma anke l-ħabib u ħija li diġà sofra għan-nuqqasijiet tiegħi, allura huwa wkoll l-avukat tiegħi. Fid-dawl tas-siegħa tal-ġudizzju, il-grazzja li jien nisrani tidher aktar ċara quddiemi. Tagħtini għarfien u anke ħbiberija mal-imħallef ta' ħajti, u b'hekk, tħallini ngħaddi b'kunfidenza mill-bieb sewdieni tal-mewt".